**Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ix-Xewkija**

**IT-TMIEN LEĠISLATURA**

**14 ta' Ġunju 2023**

Il-Kunsill Lokali tax-Xewkija iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill fi Triq Santa Katerina, Xewkija, Għawdex. Il-laqgħa bdiet fl-4.40 ta' wara nofsinhar.

---

PREŻENTI:

Hubert Saliba - Sindku

Paul Azzopardi -Viċi Sindku

Jeanelle Attard - Kunsilliera

Johnny Vella - Kunsillier

Domenic Zerafa - Kunsillier

ASSENTI B'APOLOĠIJI(skond Ordni Permanenti 14A (3)):

ASSENTI

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Marion Attard - Segretarju Eżekuttiv

Is-Sindku Hubert Saliba ippresieda l-laqgħa.

## 55.1 Qari tal-Ittri ta' Apoloġija

55.1.1 Ma kienx hemm ittri t'apoloġija

## 55.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

55.2.1 Il-minuti tal-laqgħa Nru 53 ma ġewx approvati wara li ntalbu xi amendi mill-Viċi Sindku u l-Kunsilliera Jeanelle Attard. Dawn kellhom isiru u ppreżentati mill-ġdid fil-laqgħa li jmiss. Il-minuti tal-Laqgħa B'Urġenza Nru 54 ġew approvati unanimament mill-membri preżenti u ffirmati mis-Sindku u s-Segretarju rrispetivament.

## 55.3 Komunikazzjoni mis-Sindku

55.3.1 B'referenza għall-festa s-Sindku talab li bħas-snin preċedenti jinkrew il-mobile toilets fi Triq Ġuże D'Amato mill-Ħamis tal-festa. Mobile toilets għandhom jkunu mikrija għat-Tnejn 19 ta' Ġunju 2023 fi Triq Il-Kbira u f'Tal-Ħamrija l-Erbgħa 21 ta' Ġunju 2023. Il-Kunsil iddiskuta l-possibilta' li jinkrew mobile toilets għall-pjazzetta ħdejn il-Kunsill. Il-Kunsill ma qabilx li jinkrew peress li dawn inkella dawn ikunu jridu jitħarrku kemm-il darba anke minħabba l-purċissjoni. Is-Segretarju ħadet nota biex tibgħat lid-Direttur Joseph Cutajar biex jiġi estiż il-ħin tal-latrina pubblika fil-pjazza sas-1.00pm fil-jiem tal-festa u anke jassisisti lil kuntrattur bl-isweeper.

55.3.2 Is-Sindku fuq talba ta' diversi residenti talab li l-one way minn Triq San Ġwann għal Triq Il-Ħamrija tibqa' biss one-way waqt il-ħin tal-iskola tul is-sena kollha. Il-Kunsilliera Jeanelle Attard u Domenic Zerafa oġġezzjonaw waqt li s-Sindku, Viċi Sindku u l-Kunsillier Johnny Vella qablu li għandna nitkellmu ma' TM fuq dan.

55.3.3 Is-Sindku kkomunika mal-membri tal-Kunsill li kien intalab jippreżenta l-istejjem ta'Triq Il-Ħelsien, Triq San Pupulju, Triq Ein Karem u Triq Torri Gorġun lill-Ministeru t'Għawdex. Is-Sindku spjega li kien tqabbad il-Perit Micallef li diġa' kien ipprepara l-istejjem fil-passat biex jirrevedihom mill-ġdid. Dawn it-toroq kellhom imbagħad isiru mill-Ministeru t'Għawdex.

55.3.4 Is-Sindku spjega li kienu għaddejjin diskussjonijiet ma' Project Green biex l-area mitluqa u mimlija ħmieġ u mbarazz fi Triq Jean De La Valette li ma tappartjeni lil ħadd tinbidel fl-area ta' afforestation.

## 55.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri

55.4.1 Il-Kunsillier Domenic Zerafa talab li l-Kunsill jiċċekkja t-tabelli fi Triq Mikelang Sapiano għax ma jidhirx li għada hemm. It-tabella trid tindika li wieħed ma jistax jikser fuq ix-xellug "No left turn" għal Triq Sansun. Mill-banda l-oħra trid tiżdied tabella li tindika li wieħed ma jistax jikser fuq il-lemin għal Triq San Ġwann.

55.4.2 Il-Kunsilliera Jeanelle Attard enfasizzat li t-tindif fil-jiem tal-festa jsir sew u jsir il-ħasil tat-toroq kif isir f'irħula oħra. Dan biex jiġu evitati l-ilmenti li kienu ħafna s-sena li għaddiet. Il-Kunsilliera Attard talbet ukoll update fuq il-preparamenti tal-festa b'mod partikulari l-festa tat-tfal li ssir bil-kollaborazzjoni tal-Kunsill.

55.4.3 Il-Viċi Sindku rreferra mill-ġdid għall-white roads fejn staqsa jekk kienx hemm xi żvilupp fuqhom. Is-Segretarju rreferriet għall-korrispondenza minn resident fi Trejqet Il-Barrieri fejn kien elenka l-istat diżastruż li fih tinsab it-triq. Is-Sindku spjega li l-Kunsill mhux qed isib għajnuna minn l-entitajiet b'referenza għall-karozzi mitluqa f'din it-triq li jfarfru billi jirrispondu li l-Kunsill għandu l-awtorita' li jiġbor dawn il-karozzi mitluqa ukoll. Il-Kunsill Domenic Zerafa spjega li hawn ħafna kuntratturi li lesti jiġbru dawn il-karozza għax dawn jinbiegħu għall-ħadid. Il-Kunsill qable li jintefa' ftit torba biex jimtlew it-toqob.

55.4.4 Is-Segretarju ppreżentat fuq il-mejda l-istima għas-sound system għall-marċ ta' fejn il-Bombos li jittella' t-Tnejn tal-festa. Il-Kunsill unanimament qabel li l-kollaborazzjoni għandha tkun ta' €200.

**55.5 Approvazzjoni tal-Audited FS 2022**

55.5.1 Fuq il-mejda tal-Kunsill ġew ippreżentati l-audited Financial Statements 2022. Dawn ġew approvati unanimament mis-Sindku u l-kunsilliera preżenti u ffirmati mis-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv.

**55.6 Eco Park f'Tal-Barmil**

55.6.1 Is-Sindku ppreżenta l-pjanti li kienu għaddew lis-Sindku mill-Perit ta' Projects Green. Il-Kunsill iddiskuta dak propost waqt li s-Sindku rrisponda għad-domandi tal-Kunsilliera. Il-Kunsillier Domenic Zerafa talab li tiġi kkunsidrata l-possibilta' li ssir latrina pubblika waqt li l-Kunsilliera Jeanelle Attard rrimarkat li jixraq li jkun hemm bandla. Il-Kunsill laqa' tajjeb il-pjanta u approva l-proġett unanimament. Is-Segretarju kellha tikkomunika ma' Project Green

**55.7 Bord tal-Evalwazzjoni - The Supply and Installation of Benches and Bins**

55.7.1 Il-Kunsill qabel li fuq dan it-tender fuq il-bord tal-evalwazzjoni għandu jkun hemm l-Inġinier Mario Cauchi, Chairperson William Sultana u segretarju tal-bord is-Segretarju Eżekuttiv.

**55.8 Korrispondenza u Ilmenti**

55.8.1 18/05/2023 Korrispondenza lis-Segretarju fejn ikkomunikat il-kollaborazzjoni għall-programm tal-festa bl-ammont ta' €1,200 u l-kollaborazzjoni fil-festa tfal bl-ammont ta' €660.

55.8.2 19/05/2023 Lekċwe Annwali Pubblika organizzata mill-Kunsill tal-Iskola ġewwa ċ-

Ċittadella fis-26 ta’ Mejju, 2023 fis-7.00p.m..

55.8.3 20/05/2023 Invit mill- JP2 Foundation għall-Forest Prep School Choir.

55.8.4 23/05/2023 Ittra ta’ riżenja mil-librara.

55.8.5 25/05/2023 Korrispondenza mingħand Focus Group Invitazzjoni għall-diskussjoni fuq it-tfal u l-familji tagħhom.

55.8.6 25/05/2023 Korrispondenza mingħand Marvic Gauci fejn talab li jiġi użatt Ġnien Blankas biex isiru attivitajiet għar-residenti mill-Kumpanija tiegħu.

55.8.7 25/05/2023 Opening Report Embellishment Work Open Space at Triq Santa Katarina.

55.8.8 25/5/2023 Graduation Invitation 2022-23 Gozo College.

55.8.9 31/05/2023 Korrispondenza mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali dwar inizjattiva tal-Għoti tad-Demm fl-Okkażjoni tat-30 anniversarju tal-Kunsilli.

55.8.10 31/05/2023 Opening Report Benches and Bins.

55.8.11 01/06/2023 Cir AKL 2023/044 Laqgħa Plenarja 17 ta’ Ġunju, 2023.

55.8.12 05/06/2023 Cir AKL 2023/045_LESA Fondi għall-Infurzar waqt l-Attivitajiet fil-Lokal.

55.8.13 05/06/2023 Aġenda 54_Laqgħa B’Urġenza – Sejħa għas-servizz ta’ Librara .

55.8.14 5/06/2023 Cir AKL 2023/049_Survey of locally elected politicians for the European Committee of the Region.

55.8.15 06/06/2023 Korrispondenza mingħand is-Sindku u Kunsilliera mingħand Roderick Cordina dwar Trejqet Il-Barrieri

55.8.16 06/06/2023 Korrispondenza dwar in-nominazzjoni tal-Premju Nazzareno Vassallo. Is-Segretarju Eżekuttiv talbet lill-Kunsilliera biex tipprovdi aktar informazzjoni fuq il-persuna li hi stess kienet qed tissuġġerriexxi li tiġi nnominata. Il-Kunsillier spjegat li ma tafx sew fuq din il-persuna u għaldaqstant kien hemm qbil unaninimu li l-Kunsill ma jinnomina lil ħadd.

55.8.17 08/06/2023 SPI/SCI/01/2023 Skema għall-Attivitajiet Kulturali Annwali 2023/2024.

55.8.18 12/06/2023 Cir AKL 2023/051 _Join our M.S.c. in Governance Programme at Idea Academoy – Enrol Today!

55.8.19 Talba biex isiru kaxxi tal-parkeġġ fi Triq San Bert. Il-Kunsill qabel li għandu jmexxi ma’ TM biex dawn isiru

## 55.9 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni ta’ l-Iskeda ta’ Pagamenti

55.9.1 Quddiem il-Kunsill tressqet l-iskeda ta’ pagamenti biex ikunu approvati mill-Kunsill li kienet intbagħtet mal-Aġenda għall-attenzjoni tal-Kunsill. L-iskeda kif ippreżentata ġiet aċċettata. Kopja ta’ din l-iskeda qed tinhemeż mal-minuti.

## 55.10 Tmiem tal-Laqgħa u Data tas-Seduta li jmiss

55.10.1 Il-laqgħa ntemmet fis-7.05pm u ġiet aġġornata sine die.

**IFFIRMATA**

____________________________

Hubert Saliba

Sindku

**IFFIRMATA**

____________________________

Marion Attard

Segretarju Eżekuttiv